NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ - Għawdex*

Mejju - Ġunju 2008 Nru 162


foto joe attard




# Il-Velja ta' San Ġorġ

minn Korrispondent Speċjali

Il-battuti ta' l-innu *Deus tuorum militum* ta' Mons. Giuseppe Farrugia ("Tal-Vers") mill-banda ċittadina *La Stella* laqgħu l-folla fi Pjazza San Ġorġ nhar it-22 ta' April 2008, lejlet is-solennità ta' San Ġorġ Martri, patrun tal-belt Victoria u protettur ta' l-Għawdxin.

Okkażjoni li l-indikazzjonijiet kollha wrew li kienet mument mill-isbaħ fil-festa liturġika ta' April. Fuq kollox kienu kemm l-ispirtu ta' talb u ġabra li kien jinħass fi Pjazza San Ġorġ u kemm it-tifkira tal-velja ta' nhar it-22 ta' April 2003, is-sena fejn ġew imfakkra b'mod straordinarju l-elf u seba' mitt sena mill-martirju ta' San Ġorġ, li għamlu din il-velja daqshekk sabiħa.

Wara, il-ħruġ ta' l-istatwa li ġiet milqugħa bil-wieħed u għoxrin tir tradizzjonali tas-salut mogħtija mill-*Għaqda tan-Nar "San Ġorġ Martri"* minn fuq l-għolja ta' Gelmus. Il-banda *La Stella* sadanittant daqqet l-innu *Georgius natus est* tal-Prof. Joseph Vella u l-Kan. Joe Meilak.

L-istruttura tal-velja kienet tikkonsisti fid-diversi kategoriji tal-parroċċa u s-soċjetà, minn tfal sa anzjani, u minn ħaddiema sa l-ogħla rappreżentanti ta' gżiritna, li f'riġlejn San Ġorġ wasslu x-xewqat u t-talb f'isem il-kategorija rispettiva.

Il-velja kienet tinkludi wkoll qari mill-ktieb *Aġjografija Ġorġjana* ta' l-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, siltiet mill-Iskrittura Mqaddsa u mumenti ta' adorazzjoni ewkaristika; kollox imfassal xi ftit jew wisq fuq it-test miktub mis-saċerdot tal-parroċċa Dun Ġużepp Gauci għall-velja ta' l-2003. L-assembla

*Ikompli f'paġna 9...*

F'din il-ħarġa

San Ġorġ: Ħamsin sena Bażilika (3) 6
Lourdes: ġenna fil-Pirinej 10







Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, VCT 1100, Għawdex.
Tel: 21 556 377 • Fax: 21 556 981
email: ilbeltvictoria@gmail.com
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104FM Mhz

## Membri ġodda fil-Komunità Parrokkjali

| | |
|---|---|
| 23/03/2008 | **Mikela**, bint Josef Mizzi u Georgianne Cachia |
| 04/05/2008 | **Kurt**, iben Richard Vella u Josianne Vella |
| 11/05/2008 | **Francesca**, bint Christopher Vella u Marika Scicluna |
| 17/05/2008 | **Josephine**, iben Silvio Valletta u Justyne Caruana |
| 07/06/2008 | **Lara**, bint Ruben Vella u Isabelle Apap |
| 17/06/2008 | **Fulvio Maria**, iben Valentino Giuseppe Valenti u Alex Andra-Cristiana Ene |
| 21/06/2008 | **Benjamin**, iben Anthony Attard u Antonella Cutajar |

## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

| | |
|---|---|
| 13/01/2008 | **David Vella** u **Jane Mejlak** |
| 03/05/2008 | **Sara Attard** u **Ryan Buttigieg** |
| 23/05/2008 | **Moira Cassar** u **Michael Mejlak** |
| 24/05/2008 | **George Said** u **Carmen Formosa** |
| 30/05/2008 | **Michael Sean Mills** u **Anna Morgan** |
| 31/05/2008 | **Maureen Camilleri** u **Joseph Vella** |
| 31/05/2008 | **Daniela Bugeja** u **Philip Pisani** |
| 07/06/2008 | **Melissa Portelli** u **Marvin Cauchi** |
| 08/06/2008 | **Mariella Xuereb** u **Sammy Grech** |
| 15/06/2008 | **Diane Xuereb** u **Martin Abela** |
| 21/06/2008 | **Romina Grech** u **Josef Camilleri** |

## Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt

| | |
|---|---|
| 02/05/2008 | **Rosa Spiteri** |
| 24/05/2008 | **Vincenzo Bonello** |
| 29/05/2008 | **Maryanne Farrugia** |
| 14/06/2008 | **Carmelo Mercieca** |
| 23/06/2008 | **Dolores Mizzi** |

**Grazzi ta' l-għajnuna tagħkom**
Mons. Coronato Grima (Ġibiltà) – £50
Maria Portelli (Victoria) – €5
Maria Zammit (Awstralja) – €10
Is-sur u s-sinjura Frank Schembri (Awstralja) – Aust. $30

**Ħajr għar-ritratti**
Joe Attard, Michael Camilleri, Manuel Farrugia, Mario Saliba, George Scerri u Felix Tabone

# Editorjal

## Il-festa waslet!

Iktar ma joqrob is-Sajf, u miegħu Lulju, tismagħha fuq fomm kulħadd l-espressjoni "Il-festa waslet!". Ħafna minna l-Ġorġjani jkunu ilhom jirsistu sena sħiħa biex, bħal snin oħra, meta jasal dan ix-xahar sabiħ niċċelebraw flimkien din il-festa tant għażiża għalina. F'dawn l-aħħar snin rajna evoluzzjoni tal-festa tradizzjonali li rċivejna bħala wirt, evoluzzjoni li waqt li għamlet mill-festa ta' San Ġorġ protagonista ta' "avangardiżmu", ratha żżomm postha bħala l-preservatriċi tal-forma l-aktar klassika u illustri ta' festa Għawdxija. Qiegħed nirriferi b'mod partikulari għad-dimensjoni kulturali, li dejjem gawdiet post ipprivileġġjat fil-programm ta' ċelebrazzjonijiet li jsiru kull sena f'ġieħ San Ġorġ. Dan l-aħħar għexna bosta ġrajjiet kulturali kbar, fost l-oħrajn l-edizzjonijiet tal-*Victoria International Arts Festival* li issa jgħoddu l-ħdax, kumplimentari għal-liturġija għanja li tiġi ċċelebrata fit-tempju tagħna fil-qalba ta' din il-belt u ta' din il-gżira, li għaliha [għal-liturġija] u għal ħafna iżjed ħamsin sena ilu mmerita t-titlu dinjituż ta' bażilika. Mal-medda taż-żmien il-festa ta' San Ġorġ dejjem kisbet popolarità prestiġjuża, kemm ma' l-Għawdxin u l-Maltin, u kemm ma' l-eluf ta' turisti li jżuruna.

Għalhekk din il-pubblikazzjoni, li mhux b'inqas rat l-evoluzzjoni tagħha fl-aħħar snin, trid tissokta tkun ukoll leħen ta' stedina biex ilkoll nattendu bi ħġarna għall-funzjonijiet li jsiru fil-bażilika tagħna, u biex ingawdu wkoll l-atmosfera brijuża unika li taf toffri s-Soċjetà Filarmonika *La Stella* fl-organizzazzjoni eċċellenti tal-festi ta' barra.

Fl-aħħar deċennju l-parroċċa attrezzat ruħha biex twassal leħinha aħjar f'dawn il-jiem ta' festa u tul is-sena kollha. Minbarra dan il-ġurnal li għandkom f'idejkom, l-istazzjon *Leħen il-Belt Victoria* kif ukoll il-websajt tal-parroċċa *www.stgeorge.org.mt* huma żewġ għodda ġodda u effettivi. Illum l-istazzjon tar-radju sar leħen importanti, li ta' min ifakkar li din sa tkun l-għaxar festa li fiha sa jkun ixandar. Huma għaxar snin ta' avvanz u suċċess, imma anki hawn il-garanzija għall-futur tinsab f'idejna...

Tafu wkoll li festa tirrikjedi ħafna spejjeż, u għalhekk l-appell tagħna jgħajjat lill-ġenerożità tagħkom ilkoll, li tħobbu lil San Ġorġ minn qalbkom. L-aħħar kelma hija ta' stedina mill-ġdid għaċ-ċelebrazzjonijiet, li diġà bdew, tal-festa ta' San Ġorġ, li fihom din is-sena bdejna nfakkru wkoll il-ġrajja storika ta' ġieħ tal-ħamsin sena mill-għoti tat-titlu tal-bażilika. Ejjew nifirħu u nferrħu, waqt li nitqaddsu bħall-patrun maħbub tagħna!

Il-Librar... l-Università ta' Malta

# *Messaġġ mill-Arċipriet* Mons. Pawlu Cardona

cardonapaul@gmail.com



## Il-qima tal-qaddisin

"Fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan iċ-ċiklu ta' kull sena tal-misteri ta' Kristu, il-Knisja Mqaddsa tqim b'imħabba speċjali lil Marija Mqaddsa Omm Alla", jiddikjara l-Konċilju Vatikan II; u jkompli: "Il-Knisja daħħlet ukoll matul is-sena t-tifkira tal-martri u tal-qaddisin l-oħra" (*Sacrosanctum concilium*, 103-104). Jekk il-kult ta' Marija hu ogħla fid-dinjità minn dak tal-martri, madankollu hu iktar tardiv fid-dehra u fit-tixrid tiegħu.

Kristu biss hu l-Qaddis; il-membri kollha tal-ġisem mistiku tiegħu jieħdu sehem minn din il-qdusija tiegħu (Rum 1:4; 15:25). Kristu hu "ix-xhud [martri] fidil" (Apok 1:5); iżda l-istess titlu, l-istess attribut jingħata lil "Antipa, ix-xhud fidil tiegħi" (Apok 2:13) li kien maqtul f'Pergamu. Nistgħu ngħidu li hemm twaħħid ta' kull mgħammed ma' Ġesù Kristu. Ilkoll jifformaw "bniedem wieħed, li jsemma' leħnu mat-truf kollha ta' l-art" (Santu Wistin).

Kien qrib nofs it-tieni seklu fil-Lvant, u ftit aktar tard fil-Punent, li l-Knejjes lokali bdew jiċċelebraw qrib l-oqbra l-anniversarju ta' dawk li taw xhieda għal Kristu, jew aħjar, offrew ġisimhom lil Kristu ħalli fihom hu jkun jista' jkompli jwettaq ir-rebħa tal-Qawmien tiegħu mill-imwiet. Milli jidher din il-qima għandha l-bidu tagħha f'dik tal-mejtin, għalkemm taħt xejra ġdida. Ma kinitx aktar qima mill-familjari tal-mejjet, iżda qima mill-komunità ta' dawk li jemmnu fi Kristu. Flok ma kienu jfakkru t-twelid tagħhom fid-dinja, bdew jiċċelebraw il-ferħ tal-"milied" tagħhom, it-twelid għas-sema.

Dritt wara l-persekuzzjonijiet il-kbar it-tifkira ta' dawk li kienu taw xiehda tal-fidi tagħhom sal-mewt kienet ta' għożża kbira. Il-qima tal-martri sa minn dawk iż-żminijiet kisbet suċċess kbir. Inbnew bażiliki fuq l-oqbra tal-martri l-aktar imfakkra; f'kull Knisja kien ikun hemm il-lista tal-martri tal-post, bid-data tal-mewt tagħhom u l-post fejn kienu midfuna. Hekk, fl-anniversarju tal-mewt tagħhom, il-Kristjani kienu jinġabru madwar il-qabar tal-martri ħalli jisimgħu r-rakkont tal-martirju tagħhom u jiċċelebraw l-Ewkaristija fuq il-post.

Fl-istess waqt fil-Lvant bdiet dieħla l-prassi xi ftit diskutibbli li, minkejja l-liġi ta' l-imperu u l-projbizzjoni ta' Ruma, saret suċċess universali: it-tqassim u t-tixrid ta' l-għadam tal-martri. Kienu jaħsbu li kull biċċa mill-fdalijiet tal-martri kellha l-istess qawwa spiritwali daqs il-ġisem kollu. Għalhekk kull parti kien jisthoqqilha u kienet tingħata l-istess ġieħ misthoqq lill-martri.

Kien hekk li r-relikwi tal-martri xterdu mad-dinja Kristjana ta' dak iż-żmien. Dawk ta' San Stiefnu, l-ewwel martri, misjuba f'Ġerusalemm fl-415, xterdu dritt mad-dinja kollha. It-tixrid tal-qima tal-martri kien ukoll frott tad-dedikazzjonijiet ta' knejjes ġodda, billi kienu jpoġġu biċċiet ta' relikwi taħt l-altar. "Ir-raba' Ħlieqa Ħajja" ta' l-Apokalissi, meta fetħet il-ħames siġill, ma kinitx forsi rat "taħt l-altar l-erwieħ ta' dawk li kienu qatluhom minħabba l-Kelma ta' Alla, u minħabba x-xhieda li kienu taw" (Apok 6:9)?

Minħabba f'dawn it-translazzjonijiet il-qima tal-martri, li fil-bidu kienet ikkonċentrata fuq l-oqbra ta' kull wieħed minnhom, xterdet f'malajr ma' kullimkien. Mill-ewwel bdew jissemmew ismijiet kbar bħal ta' Ċiprijan ta' Kartaġni, Lawrenz u Anjeże ta' Ruma, Vinċenz ta' Saragozza... li saru tant popolari fl-Asja u fl-Ewropa Kristjana. Fosthom insibu wkoll lil Ġorġi ta' Lidda, il-patrun u l-ħarries kbir tagħna. Il-kult tiegħu beda dritt wara mewtu fis-sena 303, kif jidher minn sejbiet arkeoloġiċi tal-bażilika li kienet inbniet fuq il-qabar tiegħu.

Għandna għax inkunu ferħanin u kburin aħna li aħna wlied il-parroċċa ta' San Ġorġ! Ejjew inħejju ruħna tajjeb għall-festa tal-patrun u protettur tagħna, u nitolbuh l-għajnuna biex inkunu kapaċi nħobbu 'l Alla l-ewwel u fuq kollox. Ma ninsewx dak li għallimna l-Qaddej ta' Alla l-papa Ġwanni Pawlu II: "L-esperjenza tal-martri u tax-xhieda tal-fidi m'hix xi ħaġa tal-Knisja tal-bidu biss; hija karatteristika ta' kull epoka ta' l-istorja". Dan jgħodd ukoll għal żmienna. Kuraġġ, għeżież ħuti: nimxu flimkien wara l-patrun tagħna.

Il-Festa t-tajba. Il-Mulej Ġesù jberikkom.



## *Djaknu ġdid li ħadem fostna*

Il-bord editorjali ta' *Il-Belt Victoria* jixtieq jissieħeb ma' l-Arċipriet u l-komunità parrokkjali kollha tagħna biex jifraħ lis-seminarista Joseph Curmi, mill-parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Marija, ix-Xagħra, li nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju 2008 ġie ordnat djaknu mill-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, fil-knisja Katidrali. Joseph għadu fil-moħħ u l-qalb ta' ħafna fil-komunità tagħna, għax nafu b'liema żelu pastorali ħadem fostna tul is-sena (bejn Settembru 2006 u Awwissu 2007) li fiha ġie assenjat mill-Isqof biex jagħmel esperjenza pastorali fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Żgur li l-ħidma tiegħu fost il-gruppi tagħna, speċjalment l-abbatini, l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ, kienet ta' siwi fil-formazzjoni tiegħu. Wara li rċieva l-ministeri tal-Lettorat u l-Akkolitat, issa Joseph ġie mogħti l-ordinazzjoni ta' djaknu, biex jista' jaqdi iktar mill-qrib lill-Isqof u lill-poplu ta' Alla li hu l-Knisja. Waqt li nieħdu l-okkażjoni biex mill-ġdid irroddulu ħajr taż-żmien li għadda jaħdem fil-parroċċa tagħna, illum nifirħu miegħu, u nissieħbu mal-Knisja f'Għawdex fit-talb għalih u għad-djakni ġodda l-oħra, Anthony Bajada u Richard N. Farrugia, u għal aktar vokazzjonijiet mid-djoċesi u mill-parroċċa tagħna.



# Aġent ta' kultura Kristjana
## *Gozo 1234* f'San Ġorġ

Il-bażilika ta' San Ġorġ, imnebbħa mit-tradizzjoni storika li sawret u vantaġġjata miċ-ċentralità tagħha fil-qalba tal-belt Għawdxija, sa minn dejjem serviet ta' aġent ta' kultura Kristjana. Dan il-fatt hu evidenti fin-numru ta' inizjattivi li kontinwament jittieħdu.

Minbarra d-dimensjoni ekkleżjali, il-parroċċa ta' San Ġorġ, f'kontinwazzjoni mal-missjoni tagħha u f'lealtà lejha, dejjem għarfet issostni u tieħu sehem f'dak li jsawwar l-identità ta' pajjiżna. Ċertament dan żgur ma għandux jitqies bħala xi kuntest barrani għall-ħidma ta' komunità parrokkjali, iżda bħala kontinwazzjoni u sostenn għall-ħidma tal-Knisja li matul iż-żmien għarfet tuża l-kultura u l-arti bħala mezzi b'saħħithom ta' evanġelizzazzjoni.

Waħda mill-inizjattivi riċenti li rat lill-bażilika ta' San Ġorġ parteċipi f'dan ir-rigward kienet is-sehem fl-attivitajiet kulturali u soċjali li ġew organizzati fuq skala reġjonali mill-Ministeru għal Għawdex u s-Segretarjat Parlamentari tat-Turiżmu matul l-1, it-2, it-3 u l-4 ta' Mejju ta' din is-sena, mgħammda *Gozo 1234*.

Matul dawn il-ġranet, speċjalment bejn il-lejl tat-3 u l-4 ta' Mejju, il-bażilika ta' San Ġorġ fetħet il-bibien tagħha beraħ għal dawk kollha li żaru l-Gżira tat-Tliet Għoljiet, partikularment il-belt Victoria. Din l-attività segwiet is-suċċess li kien inkiseb f'attività simili li kienet organizzata s-sena li għaddiet, fejn eluf ta' nies żaru l-bażilika ta' San Ġorġ u ċ-ċentru parrokkjali tagħha.

Fuq kollox il-bażilika ta' San Ġorġ offriet spazju ta' ġabra għal dawk kollha li xtaqu jieqfu għal ftit ħin quddiem Ġesù Ewkaristija fil-kappella tas-Sagrament bejn il-lejl tas-Sibt u l-Ħadd. Is-Sibt 3 ta' Mejju fit-8.00pm il-kor *Laudate Pueri* tal-parroċċa ta kunċert ta' mużika sagra fil-bażilika, li għalih numru kbir ta' Għawdxin, Maltin u barranin ippakkjaw il-bażilika.

Wara l-kunċert il-bażilika baqgħet miftuħa fejn segwew numru ta' *tours* organizzati madwar il-knisja b'enfasi fuq l-istorja u l-opri ta' l-arti li jżejnu dan it-tempju ewlieni ta' beltna. Għal din l-okkażjoni ġiet organizzata wirja fis-Sala ta' San Mikiel, fiċ-ċentru parrokkjali, fejn ġew esposti numru ta' oġġetti sagri li huma miżmuma fit-teżor tal-bażilika. Il-wirja kienet tinkludi aċċenn ukoll għar-rikorrenza storika tal-ħamsin anniversarju tal-bażilika Ġorġjana.

Attrazzjoni f'dan il-lejl kienet l-attività li nżammet fuq il-bejt tad-dar parrokkjali l-ġdida. Mit-8.00pm sa 12.00am tas-Sibt filgħaxija l-bibien tad-dar parrokkjali kienu miftuħa, jilqgħu lill-membri u ħbieb tal-parroċċa, Maltin u anki turisti sabiex igawdu x-xeni panoramiċi, il-logħob tan-nar u l-ambjent sabiħ li ġie organizzat fuq il-bejt tad-dar parrokkjali li joffri veduti uniċi tal-Kastell, il-belt u l-gżira.

Dawn l-attivitajiet, ikkordinati mill-uffiċċju parrokkjali tal-bażilika, irreġistraw għal darba oħra suċċess kbir, mertu ta' l-eżerċtu ta' voluntiera li meddew idejhom għax-xogħol sabiex, filwaqt li esponew l-ospitalità u s-sbuħija tal-bażilika ta' San Ġorġ u l-kumplessi annessi magħha, bidlu wkoll l-esperjenza ta' dawk kollha li żaru l-belt Victoria f'waħda aktar għanja u partikulari.

# Leħen mill-Kwadru



**DUN GERARD BUHAGIAR, rettur tas-santwarju Ta' Pinu u studjuż tal-Marjoloġija, jitkellem mal-qarrejja ta' *Il-Belt Victoria* fl-okkażjoni speċjali tal-mija u ħamsa u għoxrin anniversarju tas-Sejħa tal-Verġni Marija lil Karmni Grima u Franġisk Portelli.**

Mija u ħamsa u għoxrin sena ilu, nhar it-22 ta' Ġunju tas-sena 1883, kif jistqarr fil-poeżija tiegħu l-qatt minsi Ġorġ Pisani, "il-Madonna... għal darba oħra reġgħet ħarset lejn Għawdex il-fqajjar u niżlet ġo kappella mitlufa fir-raba' titkellem ma' xebba Għawdxija...". Mill-kwadru tal-Verġni Mqaddsa Ta' Pinu dakinhar instema' leħen, ħarġet stedina: "Ejja, ejja...". Dawn kienu l-ewwel kelmiet li l-Verġni Marija Assunta sejħet bihom lil Karmni Grima. Dan il-leħen semgħu wkoll għal sitt darbiet Franġisk Portelli. Nistaqsi: dan il-leħen instema' biss mija u ħamsa u għoxrin sena ilu, jew għadu jidwi fis-skiet ta' dan il-post qaddis?

Inwieġeb għal din il-mistoqsija b'esperjenza ta' waħda turista li żaret is-santwarju Ta' Pinu fi tmiem is-sena l-oħra. Din il-persuna, bħal ħafna turisti li jżuru s-santwarju, daħlet fil-kappella, poġġiet bilqiegħda fuq il-bank u għaddiet xi ftit minuti fis-skiet. Wara ftit rajtha ħierġa mill-kappella tal-Verġni Ta' Pinu bid-dmugħ f'għajnejha. Ersaqt lejha u staqsejtha jekk nistax inkun ta' xi għajnuna. Hija dlonk qaltli: "Dan huwa post speċjali; hawnhekk hawn xi ħadd kbir u qawwi! Emminni, dan id-dmugħ huwa dmugħ ta' ferħ u paċi. Qatt f'ħajti ma ħassejtni daqshekk ferħana, qatt ma ħassejt daqshekk paċi fil-qalb tiegħi! Għidli x'ġara f'dan il-post". Fil-qosor irrakkuntajt il-ġrajja kollha, u komplejt: "Din hija d-dar ta' Marija u min jiltaqa' magħha jsib lil Ġesù, l-awtur tal-paċi u s-Salvatur ta' kull bniedem". Din it-turista qaltli: "Grazzi, sejra lura lejn pajjiżi u sa nfittex biex insir naf aktar fuq dan Ġesù!".

Iva, għeżież qarrejja, mill-kappella tagħha f'Ta' Pinu l-Verġni Marija għadha ssejħilna biex nersqu fi ħdanha u niltaqgħu ma' Binha Ġesù. F'dinja mimlija b'ħafna ilħna, kollha storbju, qed insibu ħin biex fis-skiet fil-preżenza ta' Marija nisimgħu leħen il-Mulej? Għaliex nibżgħu noqogħdu fis-skiet? Li toqgħod fis-skiet ma jfissirx ħela ta' żmien, iżda jfisser ħin mimli bil-preżenza tal-Mulej li ħadd daqsu ma jaf jagħti serħan lil dawk li jfittxuh, għaliex hu nnifsu qalilna: "Ejjew għandi, intom li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom" (Mt 11:28).

Ejjew nagħtu widen għal dan il-leħen li mill-kwadru tal-Verġni Ta' Pinu għadu jidwi u jsejħilna biex fis-skiet nisimgħu dak tal-Mulej!

## Il-kwadru-replika tal-Verġni Mqaddsa Ta' Pinu



Maż-żmien, frott id-devozzjoni qawwija lejn il-Verġni Ta' Pinu fil-gżejjer Maltin, inħadmu bosta kwadri bħal dak li minnu l-Verġni Mbierka sejħet lil Karmni Grima f'Ta' Pinu, fl-1883. Replika tajba ħafna hi dik maħduma minn Godwin Cutajar għall-bażilika ta' San Ġorġ, fl-1995, biex tixhed għarrabta ta' din il-komunità parrokkjali mal-kult marjan f'Ta' Pinu, is-santwarju nazzjonali marjan ta' Għawdex.

Din ix-xbieha hi kopja fidila u bl-istess qisien tal-kwadru devot u mirakuluż li nsibu fis-santwarju Ta' Pinu, xogħol ta' Amadeo Perugino fl-1619. Maħdum mill-artist u restawratur Cutajar, mill-Fontana, il-kwadru li għandna f'San Ġorġ kien ġie kkummissjonat mir-Rev. Dr Ġużeppi Farrugia, iktar tard arċipriet ta' San Ġorġ, u mħallas b'donazzjoni lill-parroċċa b'tifkira tal-ġenituri mejtin tiegħu Lorenzo († 1973) u Maria († 1993). Tlesta f'Jannar 1995, meta nġab u għall-ewwel tqiegħed fl-awla kapitulari tal-kolleġġjata Ġorġjana, sakemm l-isqof ta' Għawdex u dekan tal-kolleġġjata Mons. Nikol Ġ. Cauchi bierku waqt konċelebrazzjoni solenni fil-bażilika nhar il-Ħadd 12 ta' Marzu 2005, u wara twaħħal mal-ħajt ta' quddiem in-niċċa ta' Ġesù Redentur, fid-daħla lejn dik li llum hi s-sagristija maġġuri. Kull sena jinħareġ fil-bażilika, ġeneralment fuq l-altar ta' San Lazzru, għax-xhur ta' Mejju u Ġunju.

Dan m'hux l-uniku kwadru tal-Verġni Mbierka fil-bażilika ta' San Ġorġ. Fuq l-altar tal-kor tal-bażilika, taħt il-kwadru titulari ta' Mattia Preti, tinsab għall-qima x-xbieha sabiħa u antika – imdawra bi gwamiċ xejn inqas sabiħ – tal-"Madonna ta' Mejju", li bi tradizzjoni qadima hi marbuta ma' dan ix-xahar marjan. Dan barra li hemm ħames altari li fuqhom hemm ix-xbieha ta' Marija: ta' l-Erwieħ, ta' Santa Katarina, ta' San Pawl, tas-Sagra Familja u ta' Ġesù u Marija; u Gian Battista Conti pitter erba' xbihat tal-misteri marjani li jinsabu fil-kappelluni laterali, waqt li fl-arzella tal-kor ukoll tidher xbihet Marija.

# San Ġorġ: Ħamsin sena Bażilika (3)

George Francis Vella – georgefrancis.vella@gmail.com

Bħal kewkba fiddiena titliegħeb kburija f'wesgħet is-smewwiet, bħal ġawhra prezzjuża tiżżarġan sovrana qalb id-dehbijiet, bħal reġina grazzjuża ssaltan glorjuża minn tron il-ħakmiet, l-arma papali ta' **Piju XII** - irżina f'suritha u setgħana f'tagħlima - tixref fuqanija f'riġlejn il-koppla maestuża tal-bażilika ta' San Ġorġ u lsienha tħoll f'tennija: *"opus iustitiæ pax"*, "is-sliem frott il-ġustizzja".

Dan il-kliem mill-profeta Isaija (32:17) kien il-qalba ta' l-ewwel messaġġ li l-kardinal Eugenio Pacelli (1876-1958) xandar lid-dinja ta' żmienu hekk kif fis-sena 1939 intgħażel bħala s-suċċessur ta' Pietru u l-vigarju ta' Kristu fuq l-art. Mhux biss fisser kif "il-paċi, li hija rigal ta' Alla u mixtieqa mill-bniedem ġust, tiġi mill-imħabba u l-ġustizzja", iżda tul il-pontifikat tiegħu wera bid-dieher kemm kien tassew mgħallem fil-verità tal-ġustizzja, mitluf fis-seħer ta' l-imħabba u mħeġġeġ għall-kisba tal-paċi.

Filfatt il-kariżma qawwija tal-papa Piju XII tispikka l-aktar f'dawk l-episodji - kbar u żgħar - meta ruħ il-bniedem kienet imdaħħna biċ-ċpar tal-mibegħda u ħajtu sfat priża rħisa ta' l-inġustizzja. Min ma ġiex wiċċ imb'wiċċ mal-kefrija tat-Tieni Gwerra Dinjija, li ma nisslitx ħlief niket u mrar? Min ma semax bl-irvina li ġab dan il-kunflitt dinji fost il-poplu Lhudi, li kien għoddu għab fid-dlam taż-żminijiet? Min ma tkexkixx quddiem il-brutalità ta' l-awtorità Komunista f'Ewropa ostili għal Alla u l-ħolqien tiegħu? F'dan il-diżordni kollu Piju XII tabilħaqq *"exivit vincens ut vinceret"*, "ħareġ rebbieħ biex [ikompli] jirbaħ" (Apok 6:2): ħadha qatta bla ħabel kontra s-sistema qerrieda tat-totalitarjaniżmu Nazista, kif indikat tant tajjeb fl-ewwel enċiklika tiegħu *Summi pontificatus* ta' l-20 ta' Ottubru 1939; iġġieled bl-aħrax l-antisemitiżmu li kien qed jifni lill-kontinent Ewropew, billi anki ta kenn lil għadd kbir ta' Lhud li kienu qed jiġu ppersegwitati bla ħniena; ċanfar lil bosta mexxejja li kienu qed jheddu s-sinsla morali ta' pajjiżhom bl-iżolament tal-valuri bażiċi tar-rispett, tal-libertà u t-tolleranza minn kull qafas soċjali.

Filwaqt li Piju XII kien daqstant dinamiku fix-xena internazzjonali, huwa madankollu qatt ma warrab minn quddiem għajnejh it-tbatija li kienet taħkem lill-Knisja fuq kull livell, saħansitra parrokkjali. Daqskemm kien perseveranti fil-ħarsien tad-drittijiet tal-Lhud u l-konverżjoni tal-pagani, daqshekk ieħor kien mixgħul bl-imħabba paterna għal bintu - jew ommu - il-Knisja. Dan tista' tixhed għalih il-komunità parrokkjali ta'



San Ġorġ tal-belt Victoria li fis-snin ħamsin kienet qed tissielet it-taqbida "l-kbira" kontra l-flaġelli ta' l-inġustizzja u l-oppressjoni li kienu għamlu minnha vittma bla ħtija u ħerba mill-personalità naturali tagħha. Iżda għax kien tassew surmast tal-verità, il-papa Piju XII xorta waħda lemaħ fuq wiċċha mżeblaħ il-ġmiel oriġinali tagħha li minkejja kollox baqa' jixrob mill-ilma safi ta' l-onestà evanġelika u baqa' jixxettel bla qatt jehda f'ħidma straordinarja għax-xandir tal-Kelma ta' Alla u f'servizz diżinteressat għall-ġid komuni ta' l-Għawdxin kollha. Għaldaqstant il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika Minuri nhar is-6 ta' Settembru 1958, u dan *"de speciali mandato Sanctissimi"*, "bi kmand speċjali tal-papa [Piju XII]". Bħal donnu Pacelli kien jaf li dan kien sa jkun l-att finali - rigoruż bħal dejjem fil-ġustizzja u għani fuq li għani fl-imħabba - qabel jinżel is-siparju fuq ħajtu.

Biss li kieku ma kienx għad-determinazzjoni ta' l-isqof **Ġużeppi Pace** (1890-1972), li f'dak iż-żmien kellu f'idejh it-tmun tad-djoċesi ta' Għawdex, forsi din il-paġna ta' ġieħ ma kienet tispiċċa qatt fil-ktieb ta' l-istorja ultra-millenarja tal-parroċċa tagħna. Dan joħroġ ċar mid-digriet tal-bażilika: *"Quibus permotus rebus, Venerabilis Frater Ioseph Pace, Gaudisiensis Episcopus, Nos rogavit ut hoc templum Basilicæ Minoris nomine ac iure donaremus"*, "Imqanqal minn dan kollu, il-venerabbli ħuna Ġużeppi Pace, isqof ta' Għawdex, talabna biex nagħtu lil dan it-tempju [ta' San Ġorġ] it-titlu u d-dritt ta' Bażilika Minuri".





Fost ir-raġunijiet li hemm imsemmija f'dan id-dokument u li wasslu lill-isqof Pace sabiex iressaq din it-talba għall-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, kienu tlieta l-punti li l-awtoritajiet ta' Ruma qiesu b'mod partikulari: l-antikità tal-maqdes li *"id anno MDV iam fuisse parociæ titulo insigne"*, "fis-sena 1505 kien diġà insinji bit-titlu ta' parroċċa"; iż-żelu pastorali li minnu dejjem gawdew l-Għawdxin kollha tant li għall-bini mill-ġdid tal-knisja fis-seklu sbatax *"insulæ moderatores populusque pia cum animorum alacritate stipem contulere"*, "ħarġu flushom b'ħerqa ta' l-għaġeb il-kapijiet u l-poplu tal-gżira"; u l-ġmiel qaddis li jagħmel mit-tempju Ġorġjan *"præclarum ornamentum Victoriæ, urbis principis insulæ Gaudisiensis, atque dioecesis cognominis"*, "żîna liema bħalha mhux biss tal-belt Victoria, il-belt ewlenija ta' Għawdex, imma tad-djoċesi kollha ta' dan l-isem".

F'dan ir-rigward il-pass deċiżiv ta' l-isqof Pace, biex sa fl-aħħar il-knisja ta' San Ġorġ tibda tintraddilha konfigurazzjoni prestiġjuża li tweġġaħ lill-maternità oriġinarja u lill-funzjonalità "leġġendarja" tagħha, jixħet ħafna dawl fuq it-temperament progressiv tiegħu li minn banda kien imsejjes fuq il-blat tal-fidi Kattolika u mill-oħra kien imwieżen minn kurrenti ta' tiġdid intraprendenti.

Ġużeppi Pace filfatt kien il-mexxej li daħħal lill-Knisja ta' Għawdex fl-epoka moderna. L-assolutiżmu ta' l-awtorità ekkleżjastika ma baqax mifrux bħal qabel. Anzi fil-ħidma soċjali tal-Knisja bdiet tinħass iktar minn qatt qabel iż-żiffa ta' l-inklussività, u forzi oħra fi ħdanha - anki lajċi - bdew jiġu msejħa sabiex jakkumpanjawha fl-appostolat tagħha. Monsinjur Pace reħa f'idejn il-Ġiżwiti d-direzzjoni tad-dar ta' l-irtiri, magħrufa bħala *Dar Manresa*; introduċa f'Għawdex lis-Salesjani u fdalhom l-Oratorju *Don Bosco*; fetaħ djar għas-sorijiet Karmelitani, Agostinjani u Salesjani f'bosta parroċċi tal-gżira, b'ġid kbir għall-parruċċani tagħhom; kien ta' spalla kbira għas-soċji tal-*Museum* u l-membri ta' l-*Azzjoni Kattolika*; ta l-permess biex f'Għawdex jitwaqqaf il-*Leġjun ta' Marija*, u jinfetħu wkoll iċ-*Ċentru Ta' Kana* u l-fergħat tal-*Moviment Azzjoni Soċjali* (MAS) u taż-*Żgħażagħ Ħaddiema Nsara*.

Iżda aktar minn hekk l-isqof Pace, mogħni bl-għerf u t-tjubija, kien il-bniedem li fehem sew is-sinjali ta' żminijietu u ma żammx lura milli jkun promotur ewlieni tal-progress fi gżiritna. Ftit xhur biss wara li għamel l-ingress tiegħu bħala isqof djoċesan, twebbel biex id-djoċesi jkollha l-organu uffiċjali tagħha, u bit-tħabrik tiegħu beda jixxandar il-ġurnal djoċesan *Għawdex* darba kull ħmistax, li kellu bħala fundatur u l-ewwel editur tiegħu lill-patri Akkursju Xerri OFM. Ħa ħsieb ikabbar il-bini tas-seminarju billi żied il-kmamar tas-seminaristi u tella' sular ġdid. Għamel l-almu tiegħu kollu sabiex is-saċerdot Dun Pawl Micallef jirnexxi fit-twaqqif ta' l-*Oratorju Don Bosco*, u sabiex jinbnew ukoll l-istitut ta' San Ġużepp u l-istitut *Our Lady of Lourdes* fejn kienu jiġu milqugħa trabi li ma kellhomx min jieħu ħsiebhom u bniet minn familji foqra.

Li kieku kellu joħroġ minn fomm il-papa Piju XII u l-isqof Ġużeppi Pace dan il-vers, *"iustitia indutus sum et vestivit me sicut vestimento et diademate iudicio meo"*, "ilbist is-sewwa u s-sewwa libes lili, bħal mantar u turban sarli s-sewwa tiegħi" (Ġob 29:14), żgur li ma kienx jagħmel l-iċken għajb lil Ġob li lissnu b'nostalġija għall-imgħoddi. Kemm iktar kien jixraq mela kliem Isaija l-profeta *"Et ædificabunt deserta a sæculo et ruinas antiquas erigent"*, "Mill-ġdid għad jibnu l-ħerbiet tal-qedem, itellgħu t-tiġrif ta' l-imgħoddi" (61:4) għall-arċipriet Monsinjur Mikiel Cefai, l-arċipriet Monsinjur Emanuele Mercieca, Monsinjur Franġisk Portelli, Pawlu Pace u mhux l-inqas għas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* taħt it-tmexxija għaqlija tal-president Ġużeppi Cefai u s-segretarju Paul M. Cassar, li lkoll kemm huma bi qlubija eżemplari taw is-sehem distint tagħhom fl-iżvolġiment ta' din il-ġrajja illustri!

*Jissokta fil-ħarġa li jmiss.*

# Titnieda f'Malta u Għawdex

# is-Sena Pawlina

Tliet xhur fostna, skond l-Atti 28... u tqallbet l-istorja kollha ta' ġensna! M'għandna xejn miktub li San Pawl ħalla xi ittra lill-Maltin, kif ħalla lill-komunitajiet ta' Ruma, ta' Korintu, ta' Kolossi, tal-Galazja, ta' Efesu, u l-oħrajn kollha... xi sebgħa b'kollox, miġbura fi tlettax-il volum. Imma forsi ħadd minn dawn il-komunitajiet li Pawlu waqqaf fil-fidi ma żammha din il-fidi daqs il-poplu ċkejken tal-gżejjer tagħna, anki jekk f'"ġarar tal-fuħħar" li min jaf kemm drabi xxaqqu! U llum, elfejn sena wara t-twelid ta' l-Appostlu tal-Ġnus, li aħna nsejħulu "Missierna" għax ġabilna l-aqwa teżor li jagħmilna Kristjani, kif Kristjani ssejħu għall-ewwel darba f'Antjokja d-dixxipli tal-Mulej Ġesù, Malta u Għawdex jingħaqdu mad-dinja biex jiċċelebraw il-ġrajja storika ta' dan l-anniversarju Pawlin.

Kien il-papa Benedittu XVI li fis-solennità ta' San Pietru u San Pawl 2007 ħabbar din is-sena speċjali mit-28 ta' Ġunju 2008 sad-29 ta' Ġunju 2009, biex jitfakkru fil-Knisja kollha l-elfejn sena mit-twelid ta' Pawlu ta' Tarsu, li skond l-istudjużi tal-Bibbja u minn riferenzi li għandna fl-Atti u fl-ittri Pawlini, nistgħu ngħidu b'ċertezza li seħħ bejn is-snin 7 u 10 wara Kristu. Pawlu hu meqjus il-"fundatur" tal-Knisja li kkonsolida u organizza t-tagħlim ta' l-Imgħallem Divin. F'konferenza stampa dan l-aħħar l-isqfijiet ta' Malta u ta' Għawdex ħabbru l-programm ta' ċelebrazzjonijiet għall-gżejjer tagħna fl-okkażjoni ta' din is-sena, bl-għan li tulha l-poplu tagħna jagħraf mill-ġdid il-persuna ta' San Pawl, isir midħla tal-kitbiet u l-ispiritwalità għanja tiegħu, jitħeġġeġ fil-fidi mqanqal mit-tagħlim tiegħu, biex hekk bħal Pawlu nsiru xandâra kuraġġużi tal-Vanġelu.

F'dak li għandu x'jaqsam mad-djoċesi ta' Għawdex, il-ftuħ tas-Sena Pawlina sar proprju lejlet is-solennità ta' San Pietru u San Pawl, fil-bażilika tan-Nadur. Tul is-sena, ibda minn Awwissu, hemm imħejjija pellegrinaġġ djoċesan lejn il-Gżejjer ta' San Pawl, Ġimgħa Missjunarja, wirjiet, ċelebrazzjonijiet djoċesani u parrokkjali, pellegrinaġġi penitenzjali u *Via Crucis* fir-Randan, u velji fil-festi l-kbar, sakemm is-Sena Pawlina tingħalaq waqt Quddiesa speċjali għaż-żewġ djoċesijiet fuq il-Fosos tal-Furjana, li tkun immexxija mil-Legat tal-Papa.

Barra dawn il-ġrajjiet importanti, sa jittieħdu bosta inizjattivi oħra ta' natura kateketika, liturġika, kulturali, ekumenika, u pastorali, kemm fuq livell djoċesani u kemm fuq dak parrokkjali. Wieħed forsi diġà jinnota l-materjal ta' natura Pawlina li qed jitqassam mal-bullettin parrokkjali u permezz ta' mezzi oħra minn żmien għal żmien. Sa jsiru wkoll żewġ konferenzi kbar mill-biblista magħruf l-arċisqof Gianfranco Ravasi, u mill-Prof. Giorgio Filippi fuq l-iskavi tal-qabar ta' San Pawl. Dan barra oratorju ġdid, film għaċ-ċinema, kunċert għaż-żgħażagħ, u villaġġ Pawlin. Hawn semmejna biss ftit mill-avvenimenti u inizjattivi li sa jimmarkaw din is-sena.

Fil-parroċċa tagħna, anki fil-jiem ta' matul is-sena, issir enfasi fuq San Pawl fil-liturġija, u qed jitħejjew mumenti partikulari ta' katekeżi u ċelebrazzjoni. Wieħed ma jridx jinsa r-rabta tal-komunità parrokkjali tagħna mal-figura ta' San Pawl, qabelxejn bħala dak li ġabilna l-fidi, kif jidher ukoll fiż-żewġ xbihat sbieħ prinċipali li għandna tiegħu fil-bażilika: waħda ta' Stefano Erardi (tas-seklu sbatax) fil-kwadru fuq l-ewwel altar tax-xellug int u dieħel, li hu ddedikat lilu, u li turih f'qagħda tabilħaqq unika flimkien ma' l-Immakulata Kunċizzjoni; u l-oħra fil-pittura ta' Attilio Palombi li flimkien ma' dik ta' l-Appostlu Pietru ssebbaħ il-kor tal-bażilika, fil-post maġenb l-altar maġġur fejn darba kien hemm żewġ statwi ta' dawn iż-żewġ "kolonni" tal-Knisja ta' Kristu, li llum jinsabu fil-faċċata tal-knisja parrokkjali tal-Fontana. Imbagħad San Pawl jidher jitqabad għall-Maltin fl-abside tal-kappellun ta' l-Erwieħ, fl-Assedju ta' l-Imdina, flimkien mal-patruni l-oħra tal-gżejjer, Sant'Agata u San Ġorġ; u żieda interessanti u aktar riċenti hi x-xbieha tiegħu f'wieħed mill-panewijiet tal-*Porta Salutis*. Għalhekk tabilħaqq nistgħu niftaħru li għandna knisja mżejna bl-ikonografija Pawlina... u l-fidi tagħna m'għandhiex tkun b'inqas mogħnija bl-istess ispirazzjoni!

Aħna mħeġġa u mistiedna nieħdu sehem sħiħ u attiv f'din is-Sena Pawlina, biex hekk nifhmu iżjed il-valur tal-fidi li ġabilna l-Appostlu Pawlu, u kemm aħna xortina tajba li bħala ġens irċivejna l-fidi hekk kmieni fil-maturazzjoni tagħha. Dan jimplika d-dmir tagħna lkoll li nkomplu nimmaturawha b'sens ta' responsabbiltà.



# L-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni 2008









**1. Konfirmazzjoni (Subien):** Christian Azzopardi, Jacob Azzopardi, Michel Bezzina, Christopher Borg, George Joseph Borg, Keith Mario Brignoli, Robert Buttigieg, Wallace Camilleri, Andrea Cauchi, Ayrton Lorenz Cauchi, George Cauchi, Jonathan Cauchi, Karl Cauchi, Manuel Cauchi, Samuel Farrugia, Julian Galea, Sylvan Gambin, Anthony Grech, Gordon Micallef, Justin Micallef, Joseph Muscat, Simon Piscopo, Oreste Portelli, Dennis Tabone, Joseph Theuma, Paul Theuma, Gabriel Vella, John Vella, Gian Paolo Xerri, Bradley Xuereb.

**2. Konfirmazzjoni (Bniet):** Maria Azzopardi, Riana Azzopardi, Carmen Borg, Marica Borg, Shana Marie Bugeja, Michaela Cordina, Josephine Cutajar, Nicole Galea, Clara Grech, Diane Marie Grima, Rose Marie Grima, Alessandra Jo' Haber, Michela Micallef, Angele Marie Portelli, Marie Rapa, Jessica Schembri, Lara Elise Scicluna, Christine Teuma, Joselyn Teuma, Katrina Thornton, Elena Zammit.

**3. Preċett (Subien):** Ġużeppi Attard, Marvic Bajada, Joseph Owen Borg, Charlon Cauchi, Jean Cremona, Koli Cordina, Frank Ellis, Fabrizio Farrugia, Riccardo Gatt, Oliver Grech, Peter Mercieca, Samuel Rapa, Christopher Sacco, Maximillian Scerri, Kristov Scicluna, Thomas Sciberras, Joshua Spiteri, Matthew Spiteri, Eric Vella u Matthew Xerri.

**4. Preċett (Bniet):** Maria Attard, Janet Azzopardi, Maronia Azzopardi, Ally Borg, Sasha Buttigieg, Caoimhe Camilleri, Joanna Camilleri (m'hix fir-ritratt), Katrina Cini, Yanica Cini, Sienna Fenech, Emma Galea, Laura Galea, Claire Marie Gauci, Chloe Grech, Sabrina Grech, Katya Livori, Hannah Scicluna, Elena Tabone, Brittany-Ann Vella, Nicole Xuereb, Maria Zammit, Therese Zammit.

## Nishru ma' San Ġorġ fil-lejl tal-Martirju

*...jaqbad minn paġna 1.*

kienet ippreseduta mill-Kapitlu Ġorġjan immexxi mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona. L-animazzjoni tal-kant kienet immexxija mill-Kan. George J. Frendo, direttur tal-kor tal-bażilika *Laudate Pueri*. Ewlieni wkoll kien is-sehem tal-banda *La Stella*, immexxija mill-Prof. Joseph Vella, *l*-Għaqda ta' l-Armar *San Ġorġ Martri* u l-Għaqda tan-Nar *San Ġorġ Martri*, kollha fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, li bħall-parroċċa hi wkoll nhar it-22 u t-23 ta' April kienet f'vena ċelebrattiva.

Żgur li d-dħul ta' l-istatwa ta' San Ġorġ, kapulavur ta' Pietru Pawl Azzopardi (1838), lura fil-bażilika urbana fi tmiem il-velja, waqt l-innu *Lill-Kbir Marti San Ġorġ* ta' Vincenzo Ciappara u Patri Akkursju Xerri OFM, iċ-ċapċip tal-folla u l-ħruq ta' stoppini, fetħu l-aspettattiva u l-istennija għall-festi l-kbar ta' Lulju, li matulhom titfakkar ukoll il-ġrajja storika li missirijietna għexu fl-1958, meta ħamsin sena ilu l-parroċċa ta' San Ġorġ saret l-ewwel parroċċa fil-gżira Għawdxija li, fuq merti rikonoxxuti mis-Santa Sede, ġiet mgħollija għad-dinjità ta' bażilika.

# Lourdes: ġenna fil-Pirinej

**Kull sena Lourdes jiġbed lejh eluf ta' pellegrini li mill-erba' nħawi tad-dinja jiġru ħerqana lejn riġlejn Marija biex jaqilgħu kull tip ta' fejqan. Imma din is-sena pellegrinaġġ għal Lourdes hu iżjed speċjali mis-soltu meta, erba' snin wara l-anniversarju tad-domma ta' l-Immakulata, qed jitfakkru l-mija u ħamsin sena tad-dehriet tal-Verġni Marija lil Bernardette Subirous, fejn irrivelat lid-dinja l-identità tagħha bil-kelmiet: "Jiena l-Immakulata Kunċizzjoni". Michael A. Cassar, eks-editur ta' *Il-Belt Victoria* u għal snin twal assistent tal-mibki Mons. Salv Borg fil-pellegrinaġġi parrokkjali lejn Lourdes, jaqsam magħna xi ftit mill-esperjenza tiegħu ta' din il-belt Marjana fi Franza tul dawn il-pellegrinaġġi.**




Dan kien it-titlu ta' artiklu li kien kiteb il-mibki Mons. Salv Borg fil-ħarġa ta' *Il-Belt Victoria* ta' Jannar-Frar 1990. Dak iż-żmien Dun Salv, kif jafu kulħadd, kien arċipriet tal-parroċċa tagħna. Niftakar li kien kellem lis-sur Ġużeppi Micallef, li dak iż-żmien kien organizzatur tat-*tours* tal-*Moviment Ta' Kana*, biex jissuġġerilna lukanda fejn nistgħu noqogħdu. Is-sur Micallef kien semmielu l-*Hotel d'Italie*. U hekk kien. Fl-ewwel *tour* li mexxa Dun Salv morna f'din il-lukanda. Konna b'kollox ħamsin ruħ. Sena wara sena bqajna norganizzaw dan it-*tour* u dejjem kien ikun mimli. Billi l-lukanda *Hotel d'Italie* illum m'għadhiex miftuħa, minn xi ħames snin 'l hawn użajna lukanda oħra.

Min qatt ma mar Lourdes forsi jistaqsi x'inhu s-seħer li jiġbed tant miljuni lejn dan il-post qaddis. Jien, li akkumpanjajt lil Dun Salv fit-*tours* kollha, nistqarr li tmur kemm tmur ma tixba' qatt. Filfatt ħafna minn dawk li kienu jingħaqdu magħna l-aħħar kelma tagħhom meta konna naslu lura kienet tkun li jerġgħu jiġu. Ta' min isemmi wkoll li, skond kitba ta' l-istoriku John Bezzina, il-qima lejn il-Madonna ta' Lourdes fil-parroċċa tagħna bdiet ftit snin wara d-dehriet. Bezzina jgħid li fil-11 ta' Frar 1875 tbierket l-ewwel statwa ta' Lourdes għal San Ġorġ. Jgħid ukoll li fl-1890 tpitter il-kwadru tal-Madonna ta' Lourdes minn Cortis. Dan il-kwadru jinħareġ fuq l-altar ta' San Lazzru.

**L-għar tal-Madonna**

Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li dan hu ċ-ċentru ta' din il-belt. Minn filgħodu kmieni sa tard bil-lejl mijiet u mijiet ta' nies issibhom miġburin fis-skiet jitolbu. Il-ħolma ta' kull pellegrin hi li meta jkun Lourdes jgħaddi minn ġo dan l-għar u jmiss ma' dik il-blata li fuqha hemm statwa tal-Madonna, eżatt fejn kienet dehret lil Bernadette. Tmur xħin tmur, barra waqt li jkun qed jiġi ċċelebrat il-quddies, serbut ma jaqta' xejn ta' nies tarahom mexjin bil-mod il-mod biex jgħaddu minn ġo dan l-għar. Fl-ewwel *tours* li kellna konna mmorru għal tlitt ijiem biss, allura forsi dak li jkun kien imur darbtejn; imma dan l-aħħar, billi l-pellegrinaġġ qed idum ħamest ijiem, ikun hemm kull ċans li tmur.

**Il-"Via Sagra"**

Kulmin mar Lourdes ma jistax ikun li ma marx jagħmel il-*Via Sagra* matul dik l-għolja ta' fejn is-santwarji. L-istazzjonijiet huma kollha magħmulin minn statwi tal-bronż. Hemmhekk tara numru ta' gruppi ta' nies mexjin minn stazzjon għall-ieħor - gruppi minn kull nazzjon. Naħseb li esperjenza bħal din ma tintesa minn ħadd. Ta' min jgħid ukoll li tant ikun hemm gruppi - u din is-sena mistenni li jkun hemm iktar minħabba għeluq il-mija u ħamsin sena tad-dehriet - illi kull grupp irid jibbukkja minn kmieni, kif ġa għamilna aħna għall-grupp ta' din is-sena.

**Il-purċissjonijiet**

Il-purċissjoni *aux flambeaux* hija esperjenza li ssaħħar lil kulħadd. Fl-ewwel jum li nkunu hemm aħna nieħdu sehem fiha bħala grupp flimkien. Tissaħħar tisma' r-Rużarju jingħad b'tant lingwi differenti, u tħoss xi ħaġa m'hix tas-soltu xħin bejn posta u oħra l-poplu kollu jkanta flimkien: *"Laudate, laudate, laudate Maria"*. Naturalment fi ġranet oħra tat-*tour* wieħed ikun jista' jara l-purċissjoni minn fuq u b'hekk igawdi l-ġmiel ta' dak is-serbut twil ta' nies idur ma' l-*esplanade* sakemm jasal fil-pjazza ta' quddiem is-Santwarju tar-Rużarju.

Iżda barra l-purċissjoni *aux flambeaux* fl-4.00pm tibda timmarċja l-purċissjoni tal-morda bis-Santissmu Sagrament. Din hija purċissjoni li timpressjonak, u tħoss kemm għandek għax tirringrazzja lil Alla jekk tkun b'saħħtek. Tibda tgħid bejnek u bejn ruħek: "Imma kif dawn, avolja morda, ġew hawn ukoll!". Lourdes huwa post fejn il-Madonna għamlet bosta mirakli; imma niftakar li Dun Salv kien jgħidilna li l-Madonna tfejjaq ukoll lil dawk morda fir-ruħ.



**Eskursjonijiet**

Naturalment matul il-ħamest ijiem f'Lourdes dejjem organizzajna diversi eskursjonijiet. Ngħidu aħna għal Pont d'Espagne, Luchon u Val d'Aran, kif ukoll għal Bartres u Citè St Pierre. Ġeneralment f'dawn l-eskursjonijiet jieħu sehem kulħadd.

Sa nagħlaq billi nikkwota x'kien kiteb Dun Salv fil-ħarġa ta' *Il-Belt Victoria* li semmejt fil-bidu: "Ġo Lourdes ma tixba' qatt. Il-ħin jgħaddi jiġri. Il-fidi tmissha b'idejk. It-tama tixgħel f'qalbek. Tħossok li trid tħobb lil kulħadd: lil min tafu u lil min qatt ma rajt. Is-skiet ta' ġol-ġrotta, id-dmugħ iġelben ma' ħaddejn il-pellegrini, l-ilmijiet li kulħadd jipprova jġorr lejn daru biex donnu jdewwaq lil niesu dak li jkun daq hu ġewwa din il-belt Marjana, huma l-impressjonijiet li jgħaddi kemm jgħaddi ż-żmien jibqgħu minquxa fil-moħħ u fil-qalb ta' min kellu x-xorti jżur lis-Sinjura ta' Massabielle".

# Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,

Kif intom? Xi ħadd qalli: "Illum tistaqsiniex kif intom, għax ma nistgħux inkunu aħjar! L-eżamijiet lesti, il-vaganzi wara l-bieb u l-festa tagħna fil-qrib!".

Għandkom raġun. Wara s-sena ta' l-iskola, b'dak kollu li ġġib magħha, issa importanti li tistrieħu ftit u tgawdu l-vaganzi u tiddivertu fil-festa tagħna. Ċert li sa tgħaddu ħafna ħin barra mid-dar tgawdu l-marċijiet, it-tiżjin sabiħ li għandna fit-toroq tagħna, it-tiġrijiet tal-bhejjem, il-logħob tan-nar, xi ġelat tajjeb u, bla dubju, il-funzjonijiet sbieħ li jsiru fil-knisja tagħna. Agħmlu bħali u ppruvaw laħħqu ma' kollox! Fil-festa tagħna kollox isir bil-ħsieb u bil-qies u allura xejn ma jaħbat ma' xejn. L-ikbar importanza għandha tingħata lill-knisja għax il-festa tibda minn hawn. Issa jkollkom iktar ħin liberu u allura ħadd minnkom ma għandu jitlef il-quddiesa u t-tqarbina ta' kuljum! M'hux biżżejjed li tmur iċċapċap quddiem l-istatwa ta' San Ġorġ; il-qaddis tagħna jrid xi ħaġa iktar minn hekk. Iridek tgħix ħajja tajba. Dan tista' tagħmlu biss jekk qabelxejn tkun ubbidjenti fid-dar u qrib il-Knisja. Tista' wkoll tagħmel xi sagrifiċċju żgħir matul il-jiem tal-festa biex tkompli togħġob lil San Ġorġ!

Naturalment, barra d-divertiment u l-mistrieħ, araw li ssibu xi ftit ħin għall-qari tajjeb bil-Malti u bl-Ingliż; ma tistgħux twarrbu għal kollox l-ikbar ħbieb tagħkom li huma l-kotba. Morru sal-librerija ta' fejn San Franġisk u għaddu xi ftit ħin hemm, u ssellfu xi ktieb jew tnejn biex ma tinqatgħux għalkollox mill-iskola, għax il-ħin itir u mhux sewwa tgħadduh biss fil-ġiri u fil-baħar (attenti minn xi brama u minn ħafna ħin fix-xemx!).



Mela nawguralkom, qabelxejn festa sabiħa u għażiża, kif ukoll btajjel u mistrieħ! Nawguralkom ukoll li jkollkom riżultati tajbin fl-eżamijiet u li, kif għidtilkom, taraw sew kif timlew il-ħin tagħkom. Sibu ħin għal kollox u ma jiddispjaċikomx!

Awguri, u l-festa t-tajba!

*Iz-Ziju Joe*

## Qaddisin "Ġorġjani" (15)

*Kitbu fuq il-Patrun tagħna, kienu devoti tiegħu jew b'xi konnessjoni ma' dan it-tempju ddedikat lilu.*

**Antoine Vassallo** – *vasanti@waldonet.net.mt*

### Il-Martri Ingliżi



L-istorja tal-persekuzzjonijiet kontra l-Kattoliċi fl-Ingilterra, jew aħjar fir-Renju Unit, tibda fl-1535 u tibqa' sejra għal xi mija u ħamsin sena. Kif nafu, ir-re Neriku VIII kien ġieb ix-xiżma li firdet il-Knisja "ta' l-Ingilterra" minn Ruma; iżda taw sehemhom f'dan kollu anki s-suċċessuri tiegħu Dwardu VI, Eliżabetta I, Ġakbu I, Karlu I, Cromwell u Karlu II. Taħt dawn ir-renjanti sofrew il-martirju eluf ta' Ingliżi minn kull klassi soċjali: peress li ma kinux lesti jiċħdu r-rabta tagħhom mal-Papa u mal-fidi vera, ħassew li lanqas jistgħu jieħdu ġurament ta' lealtà lejn kap ġdid tal-Knisja ta' l-Istat, qawwi kemm hu qawwi. L-ewwel martri kienu patrijiet (f'Londra), iżda ma naqsux lanqas il-lajċi (f'diversi partijiet oħra tal-pajjiż).

Ir-riħa qawwija ta' mibegħda wasslet biex jinħolqu sistemi mill-iktar krudili ta' tortura u tbatija. B'mod partikulari dawk li marru jistudjaw għas-saċerdozju fi Franza jew l-Italja ġew meqjusa bħala tradituri meta rritornaw biex jikkonvertu lil ħuthom u biex jgħinu lil min żamm il-fidi. Ħlief fil-każi rari ta' nobbli u nies f'pożizzjoni għolja (bħal Sir Thomas More) li qatgħulhom rashom ħafif ħafif, dawn il-martri sofrew interrogatorji interminabbli, torturi "kreattivi" u ħabs aħrax; u mbagħad kien hemm tistennihom mewt orribbli. Bla ma nidħol fid-dettallji nsemmi li kienu jgħallquhom u qabel ma jkunu fgaw iqattgħuhom biċċiet biex jitperrċu 'l hawn u 'l hemm ħalli jbeżżgħu lill-oħrajn.

Fl-1874 (jiġifieri ftit wara r-restawrazzjoni tal-ġerarkija Kattolika) l-arċisqof ta' Canterbury bagħat Ruma lista ta' 360 isem, bil-provi sħaħ biex jistgħu jiġu bbeatifikati bħala martri. U fl-1886 bdew sensiela ta' beatifikazzjonijiet fi gruppi (u anki xi kanonizzazzjoni).

Għal-lum xtaqt insemmi nofs tużżana "Ġorġijiet" fosthom:

- Il-beatu ***George Beesley*** sofra l-martirju f'Londra (taħt ir-reġina Eliżabetta) għax saċerdot, b'torturi ħorox (kif spjegajt). It-tifkira liturġika ssir fl-1 ta' Lulju.
- Il-beatu ***George Douglas*** kien Skoċċiż u għalliem ta' l-iskola li telaq lejn Pariġi biex sar qassis. Meta rritorna nqabad u sofra l-martirju (taħt l-istess reġina) bl-akkuża li ħajjar oħrajn jilqgħu l-fidi Kattolika. It-tifkira liturġika ssir fid-9 ta' Settembru.
- Il-beatu ***George Errington*** sofra l-martirju għax ħeba u pproteġa xi saċerdoti. It-tifkira liturġika ssir fid-29 ta' Novembru.
- Il-beatu ***George Haydock*** twieled fl-1556 u, wara studji fi Franza (Douai) u Ruma, ġie ordnat fil-21 ta' Diċembru 1581. Wara ftit ġimgħat telaq lura lejn pajjiżu iżda nħakem mill-ewwel u ntafa' fit-Torri ta' Londra, waħdu u fid-dlam. Għadda xi ħmistax-il xahar hekk; imbagħad, għalkemm baqa' arrestat, tawh xi ftit libertà (li ħatafha biex jgħallem lil sħabu l-priġunieri u saħansitra jamministra s-sagramenti). Ta' dan reġa' ġie kkundannat u kien fost grupp li sofrew il-martirju fit-12 ta' Frar 1584 (id-data tat-tifkira liturġika).
- Il-beatu ***George Nichols*** ukoll sofra l-martirju (fil-belt ta' Oxford) għax irritorna l-Ingilterra bħala saċerdot. It-tifkira liturġika ssir fil-5 ta' Lulju.
- Il-beatu ***George Swallowell***, imwieled qrib Durham (fl-Ingilterra), kien għalliem ta' l-iskola u ministru Protestant. Ikkonverta u, għax baqa' sod, ġie maqtul fl-1594 fil-belt ta' Darlington. Il-papa Piju XI għaddu mal-beati fl-1929. It-tifkira liturġika ssir fis-26 ta' Lulju.

Ninnota finalment li naf bi knisja f'Ruma (fi triq San Sebastianello) ddedikata lil *"San Giorgio e martiri Inglesi"*.

















**1** L-arċipriet Mons. Pawlu Cardona jagħti l-barka Ewkaristika fi tmiem il-velja li saret fi Pjazza San Ġorġ lejlet is-solennità liturġika ta' San Ġorġ, nhar it-22 ta' April 2008. Fl-isfond tidher l-istatwa titulari ta' San Ġorġ fil-bieb prinċipali.
**2** In-nies fuq il-bejt taċ-ċentru parrokkjali tgawdi l-wirja tan-nar spettakolari mtellgħa minn fuq Ta' Gelmus, fl-okkażjoni tal-*Gozo 1234*, organizzata mill-Gvern fl-ewwel jiem ta' Mejju 2008.
**3** Pissidi maħdum fil-fidda li ġie rregalat lill-bażilika mis-sur Toni Vella f'Mejju 2008.
**4** Il-kwadru tal-Verġni Marija tal-Fiduċja espost fuq il-presbiterju tal-bażilika għal Manifestazzjoni Marjana li saret nhar is-Sibt 31 ta' Mejju 2008, u li fiha t-tfal kollha li rċivew il-Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni fl-aħħar sena pastorali, raddew ħajr lil Marija f'ċelebrazzjoni ta' talb u kant.

# PROGRAMM TAL-FESTI INTERNI – SAN ĠORĠ 2008

**It-Tlieta 15 ta' Lulju – *8.00pm:*** Ħruġ ta' l-istatwa titulari min-niċċa. ***8.45pm:*** Laqgħa għaż-żgħażagħ fil-bażilika.

**L-Erbgħa 16, il-Ħamis 17 u l-Ġimgħa 18 ta' Lulju – *6.30pm:*** Għasar, Priedka tat-Tridu minn Dun Ġużepp Gauci, Innu, Antifona u Barka Ewkaristika.

**Is-Sibt 19 ta' Lulju – *9.00am:*** Konċelebrazzjoni solenni tat-*Te Deum* immexxija mill-arċisqof emeritu Mons. Ġużeppi Mercieca. ***6.30pm:*** Translazzjoni u Għasar solenni tal-Vġili tas-Solennità, immexxija mill-isqof djoċesan Mons. Mario Grech, u Barka Ewkaristika.

**IL-ĦADD 20 TA' LULJU – *8.30am:*** Pontifikal solenni tas-Solennità, immexxi mill-isqof djoċesan u dekan tal-kolleġġjata Mons. Mario Grech. ***6.00pm:*** It-Tieni Għasar tas-Solennità, immexxi mill-isqof emeritu Mons. Nikol Ġ. Cauchi. ***7.00pm:*** Ħruġ tal-purċissjoni pontifikali u titulari ta' San Ġorġ. ***10.30pm:*** Antifona, u Barka Ewkaristika mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona.